MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2004

Avviz Numru. 222/2003

Avviz Nru 222/03DM

Carmelo u Josephine konjugi Vassallo

VS

Dr Tonio Azzopardi nominat b'digriet tat-18 ta' Gunju, 2003, bhala kuratur deputat sabiex jirraprezenta lill-assenti Khalid Al Ashtar

Il-Qorti;

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elfejn u tmin mitt lira Maltin (LM2,800) rapprezentanti danni minnhom sofferti fl-incident stradali li sehh fil-21 ta ' Awissu, 2002, gewwa Triq Jules Verne, Naxxar meta l-konvenut waqt li kien qed isuq vettura numru LDK 856, b'imperizja, traskuragni u nuqqas ta' harsien tar-Regolamenti tat-Traffiku baqa'

diehel fiz-ziemel misjuq bix-xarretta minn l-attur Carmelo Vassallo.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-23 ta' April, 2003, bl-imghax legali u bil-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-kuratur Dr Tonio Azzopardi fejn eccepixxa illi:

1. It-talbiet attrici huma kontestati;
2. L-eccipjent mhux edott mill-fatti tal-kaz u jirriserva li jressaq l-eccezzjonijiet tieghu fi stadju ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tal-processi; u

Ikkunsidrat:-

Mid-deposizzjoni tal-attur Carmelo Vassallo jirrizulta illi waqt li kien qed isuq iz-ziemel tieghu bil-karettun huwa ntlaqat bil-karrozza misjuqa mill-konvenut Khalid Al Ashtar illi kien qed isuq fuq in-naha l-hazina tat-triq. B'rizultat ta' din il-habta tkisser il-karettun u miet iz-ziemel, u b'hekk l-attur sofra danni konsistenti fil-valur taz-ziemel u l-valur tax-xarretta ossija karettun illi gew distrutti fil-kollizjoni.

Din id-deposizzjoni ta' Carmelo Vassallo b'ebda mod ma giet ikkontestata u ghaldaqstant issib illi l-konvenut Khalid Al Ashtar kien unikament responsabbli ghall-kollizjoni u ghalhekk ghandu jirrispondi ghad-danni minnu kkagunati konsistenti fil-valur taz-ziemel li miet fl-incident u l-karettun illi tkisser.

Biex jasal ghal prova dwar id-danni minnu reklamati l-attur ipprezenta rcevuti relattivi ghax-xiri taz-ziemel li kien inxtara f'Gunju 1998 ghas-somma ta' elfejn u mitejn lira Maltin (Lm2,200) kif ukoll ircevuta dokument CV2 dwar ix-

xarretta Amerikana li kien xtara ghas-somma ta’ erba’ mija u hamsin lira Maltin (Lm450).

Dawn il-valuri gew effettivament ikkonfermati ukoll minghand il-persuni illi kienu bieghuhom lill-istess attur ossija minn Vestru Farrugia u George Grima.

Ghaldaqstant it-talba tal-attur li jigi kkompensat fis-somma ta’ elfejn u tmin mitt lira Maltin (Lm2,800) bhala danni lilu kkawzati fl-incident, mhijiex gustifikata fl-intier taghha, izda ghall-amont biss ta’ elfejn, sitt mija u hamsin lira Maltin (Lm2,650).

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qieghda tilqa’ limitatament it-talba attrici u ghar-ragunijiet indikati fl-avviz tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma ta’ elfejn u sitt mija u hamsin lira Maltin (Lm2650), bl-imghaxijiet legali b’effett mit-23 ta’ April, 2003.

Bl-ispejjez jithallsu in kwantu ghal decima parti (1/10) mill-attur u disa decimi (9/10) mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------